**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Jurgen Sghendo**

**Kaz Numru: 983/2014**

**Illum 4 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jurgen Sghendo iben Carmel u Carmen nee' Borg imwieled gewwa Pieta' nhar it-13 ta' Gunju 1990 u residenti gewwa Bini tal-Gvern, Block 176, Flat 5, Triq il-Wied ta' L-Imsida, Msida, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' 290690M talli nhar il-15 ta' Marzu 2014 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta' qabel din id-data, gewwa l-Belt Valletta:

- Talli hadem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk offra s-servizzi taghha minghajr licenza u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Kif ukoll talli provda lil xi persuna ghal dmirijiet fi, jew li ghandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' gwardjani privati minghajr licenza u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Kif ukoll talli naqas milli jaghmel applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju biex jikseb licenza bhala agenzija ta' gwardjani privati u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;

- U aktar talli ma kienx hemm kopertura b'polza ta' assigurazzjoni ghal indennizz u dan bi ksur tal-artiklu 21 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Inoltre' jirrizulta wkoll li l-imputat irregolarizza l-posizzjoni tieghu. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li piena karcerarja mhux wahda idonea .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 3, 5, 6, 21 u 25(a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) u inoltre' tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250). Huwa qieghed jinghata sitt (6) xhur zmien sabiex ihallas l-istess multa.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat